# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2001**

**Numru: 2**

**Citazzjoni Numru: 1526/92 JF**

**Richard Despott**

**vs**

**George Borg Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Water Services Corporation u b'digriet tal-15 ta' Lulju 1996 giet kjamata fil-kawza "Canron Incorporated, socjeta' Kanadiza, kif rapprezentata minn Joseph Cachia & Sons Ltd. bhala agenti ta' l-istess".**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li fit-30 ta' Awissu 1992 l-attur ipparkja karozza gdida Citroen AX bin-numru ta' registrazzjoni O-3139 l-Ghadira;

U premess li f'daqqa wahda nqasam pipe tal-ilma minn taht l-art u gholla cnagen u materjal iehor li waqa' fuq il-karozza tal-attur u kkawzalu danni kbar;

U premess interpellat diversi drabi l-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab li din il-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli tal-incident tat-30 ta' Awissu 1992 meta nqasam pipe tal-ilma minn taht l-art fl-Ghadira u gholla cnagen u materjal iehor li kkawzaw danni fil-karozza Citroen AX bin-numru O-3139;

2. Tillikwida d-danni kagunat fil-karozza tal-attur u ghalhekk lilu dovuti b'rizultat tal-qsim tal-pipe fuq imsemmi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq likwidata;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut noe fejn eccepixxa:

1. Illi din il-Qorti hija nkompetenti ratione materiae biex tiehu konjizzjoni tal-kawza.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess ma jirrizultax mill-kawzali tac-citazzjoni fuq liema xorta ta' obbligazzjoni hija bazata t-talba attrici.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jipprova negligenza da parti tal-konvenut noe skond l-artikolu 21 tal-Att ta' l-1991 dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Rat li s-socjeta kkjamata fil-kawza baqghet kontumaci;

Ezaminat l-affidavits li gewipprezentati;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet li gew ipprezentati mill-partijiet;

Rat ir-relazzjoni pprezentata mill-perit tekniku nominat appozitament mill-Qorti;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta jirrizulta li kien hemm decizjoni finali dwarha moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Mejju 1993, kopja ta' liema tinsab inkorporata fl-atti – ara fol. 34 et sequitur – tal-kawza.

Illi fil-meritu, mill-provi li gew prodotti jirrizulta li fit-30 ta' Awissu 1992 l-attur ipparkeggja l-vettura tieghu, karozza gdida Citroen AX bin-numru tar-registrazzjoni O-3139, hdejn il-Bajja ta' l-Ghadira, fil-limiti tal-

Mellieha. Hin bla waqt inqasmet l-art magenb il-karozza u beda jtir ‘il fuq gelgul ta’ ilma – ara ritratti a fol. 77 tal-process esebiti mill-attur – u bil-konsegwenza li l-vettura ta’ l-attur sfat iddanneggjata estensivament kemm bl-ilmijiet li dahal fiha, kif ukoll bil-gebel u terrapien li tar ghal fuqha – ara x-xhieda inkontestata ta’ l-attur, Sandra Chetcuti, Ramona Despott, Claudine Despott u l-ispettur Raymond D’Anastasi. Li jidher li gara kien – almenu bhala kawza prossima ta’ l-incident – li infaqghet il-kanna ta’ l-ilma li kienet tappartjeni u kienet tqeghdet zmien qabel mill-Korporazzjoni konvenuta.

Il-Korporazzjoni konvenuta qeghda tiddeklina kwalsiasi responsabbilta’. Tellghet xhieda biex jghidu li l-pressa ta’ l-ilma kienet wahda normali, li t-tqeghid tal-kanen kien wiehed normali u regolari wkoll u li ghalhekk jekk kien hemm xi danni dawn kienu konsegwenza ta’ kanen difettuzi li gew suppliti lilha mis-socjeta’ kkjamata fil-kawza, u cjoe’ s-socjeta’ estera “Canron Limited”, socjeta’ inkorporata fil-Canada, pero’ rapprezentata lokalment mis-socjeta’ Joseph Cachia & Sons Limited, li baqghet kontumaci f’din il-kawza billi naqset milli tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet.

Illi fil-fehma tal-Qorti n-ness ta’ kawza u effett bejn il-hrug ta’ l-ilmijiet u d-danni li gew ikkaggjonati lill-vettura ta’ l-attur huwa car u evidenti. Il-kanen in kwistjoni, difettuzi jew le, kienu proprjeta’ ta’ l-Korporazzjoni

konvenuta, gew imqeghdin minnha u kienu taht is-supervizjoni taghha. Jekk dawn kienu tabilhaqq difettuzi – fatt mhux assodat mill-provi tal-konvenut – il-Korporazzjoni kienet allura fid-dmir li ma taghmilx uzu minnhom. Ir-ritratti – a fol. 77 – huma elowkenti bizzejjed biex juru li l-pressa ta' l-ilma kienet wahda qawwija. Anzi mix-xhieda jirrizulta inoltre li bil-pressa nqasmet it-triq b'mod li anke gebel tar fuq il-vettura tal-attur. Dan lanqas ma kien kaz ta' xi forza magguri imma ta' negligenza jew imperizja attribwibbli lill-Korporazzjoni konvenuta bhala l-enti responsabbli mill-provvista ta' l-ilma fil-pajjiz. Jekk tassew din il-Korporazzjoni kellha provi inkonfondibbli li turi li kien hemm xi htija min-naha tal-kjamat fil-kawza, din ma rnexxilhiex taghmlu fil-kawza. Ifisser mela li l-attur kellu kull dritt li jagixxi direttament kontriha ghaliex fil-konfront tieghu, il-hsara li huwa garrab fil-vettura tieghu kienet gejja direttament mill-enti responsabbli mill-provvista ta' l-ilma fil-lokal. Dan ma kienx kaz fortuwitu jew ta' eghmil tat-terz. Il-kanen kienu jappartjenu lill-Korporazzjoni konvenuta u l-provvista kienet amministrata minnha biss. Ma kien l-ebda kontributorjeta' min-naha ta' l-attur ghas-sinistru. Mhux bizzejjed, anzi hu semplicistiku wisq u konvenjenti, li jigi argomentat, kif ghamlet il-Korporazzjoni fin-nota taghha (ara fol. 120 para 4.3) li

> *"il-kagun tal-hsarat kien li l-"pipe" kien difettuz; il-Korporazzjoni ma kellha l-ebda hitja. Il-htija kollha taqa' fuq is-socjeta' Kanadiza …."*

Il-Korporazzjni stess tammetti li l-kanen kienu nxtraw min-naha taghha u ma kien hemm xejn hazin fit-tqeghid taghhom. Fin-normalita' ta' l-affarijiet pero' ma kienx hemm raguni l-ghala l-kanen de quo kellhom jinfaqghu. Certament, u dan minkejja l-qari li sar min-naha tal-Korporazzjoni stess, il-pressa ta' l-ilma tidher li kienet wahda qawwija u, f'kull kaz, jekk il-kanen kienu tabilhaqq godda u tajbin u mqeghdin tajjeb, is-sinistru ma kienx jigri – eppure l-fatti jindikaw diversament. Illi evidentement, fil-konfront ta' l-attur ghandha fl-ewwel lok twiegeb il-Korporazzjoni konvenuta, u dan ukoll in vista tal-fatt li ma tressqet l-ebda prova konvincenti li turi li bilfors il-kanen kienu difettuzi u li dawn kienu minn dawk li gew mixtrijin mis-socjeta' kkjamata fil-kawza (fatt mhux ipprovat lanqas).

Illi dwar danni, l-attur ottjena stima "ex parte" maghmula minn espert tal-vetturi li ghamillu "survey report" – fol. 16 – 17. Fil-kors tal-kawza, l-attur, minflok ma pprova jkun nett u inekwivoku f'dak li ghandu x'jaqsam ma' quantum tad-danni sofferti, fittex li jkun kemmxejn indeciziv dwar il-valur tad-danni. Beda jdahhal u jinkludi spejjez legali extra-gudizzjarji u kontijiet mhux sufficjentement ikkonfermati minn punto di vista ta' procedura, bir-rizultat li fl-ahhar il-Qorti, kif diversament presjeduta, innominat espert gudizzjarju biex jasal ghal stima tad-danni.

Il-Qorti, wara li gharblet ir-relazzjoni peritali kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-kontendenti, hija tal-fehma li ghandha, tenut kont ukoll tal-provi prodotti u dak li gie kkostatat mill-espert tekniku gudizzjarju, tillikwida d-danni sofferti mill-attur kif gej u dana per saldu tal-pretensjoni attrici;

| | | | |
|---|---|---|---|
| *i)* | *"spare-parts' ghall-vettura* | *Lm* | *472.00c* |
| *ii)* | *hlas ta' xoghol fil-vettura* | *Lm* | *1,056.00c* |
| *iii)* | *hlas tar-rapport tal-Pulizija* | *Lm* | *3.00c* |
| *iv)* | *deprezzament tal-vettura* | *Lm* | *700.00c* |
| | *Total* | *Lm* | *2,231.00c* |

*(Elfejn mitejn u wiehed u tletin lira Maltin)*

Tajjeb li jinghad li l-attur baqa' fil-pussess tal-vettura u presummibilment baqa' juzaha, u li min-naha l-ohra, il-vettura kienet ghadha gdida qabel l-incident u stmata li kienet tiswa Lm3,500.  Jinghad ukoll li t-talba attrici dwar danni hija f'ammont "da liquidarsi".

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, fil-kontumacja tas-socjeta' kkjamata fil-kawza, u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta, tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attur kif dedotta kontra l-Korporazzjoni konvenuta, biss b'dana li ghall-fini tat-tieni (2) talba qeghda tillikwida l-ammont ta' danni

ghas-somma ta’ Lm2,231.00c (elfejn mitejn u wiehed u tletin lira Maltin) per saldu, u ghalhekk qeghda tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta biex thallas dana l-ammont flimkien mal-kap ta’ l-ispejjez, inkluzi l-ispejjez kollha relativi ghall-perizja.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md